MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2013

Numru. 742/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Sarah Magri]**

**vs**

**Josef Debattista**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Josef Debattista detentur tal-karta tal-identita` numru 243277(M).

Akkuzat talli:
Nhar it-28 ta’ Gunju 2013 ghal bejn 19:00hrs u 20:00hrs gewwa Rabat, hebb ghal Raymond Abela u kkagunalu offizi gravi kif iccertifikat minn Dr Robert Patiniott MD Med NO 1860 mill-Poliklinika tal-Floriana (Kap. 9 Art. 226, 228);

U finalment akkuzat ukoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew jekk ipprovokat, ingurja lil Raymond Abela b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni (Kap 9 Art 339(1));

U akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe` lil Raymond Abela, biza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu (Kap. 9 Art. 251B).

Rat l-ezami tal-imputat fejn wiegeb hati ghall-akkuzi kif dedotto kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu; u

Rat illi l-imputat ibati minn *intermittent explosive disorder* li ghaliha qed jikkura.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 226, 228, 339(1), 251B tal-Kap. 9 qeghda ssib lill-imputat Josef Debattista hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u ghal dan il-ghan qeghda tpoggih taht probation order taht l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qeghda timponi wkoll digriet taht l-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------